**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Josef Cefai**
**OMISSIS**

Numru 47/2008

Illum 6 ta' Lulju 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati **Josef Cefai**, ta' dsatax (19)-il sena, bin Charles u Rosaline nee' Cini, imwieled Rabat, Ghawdex nhar it-8 ta' Gunju 1989 residenti fil-fond numru Qajru, Triq ta' Skapuccina, Zebbug, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 36489(G) u **OMISSIS**

Akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn it-2 u t-3 ta' Awwissu 2008, u matul l-ahhar erba' xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin

fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, go Triq ix-Xlendi, limiti tal-Munxar u fi bnadi ohra f'Malta u Ghawdex f'hinijiet differenti;

a. bieghu jew offrew li jbieghu droga ristretta u psikotropika (ecstasy) kontenenti, s-sustanza (methlednedioxyamphetamine) li hija kkontrollata u ristretta bil-ligi taht it-tielet skeda, parti (a) tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kellhom l-ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija ligi, sabiex ikunu fil-pussess tal-imsemmija sustanza;

b. Ukoll talli fl-istess zmien, data u cirkostanzi kellhom fil-pussess taghhom medicina ristretta u psikotropika meta ma kinux awtorizzati kif imiss bi ksur tar-regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40(A) u 120(A) u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghhom;

c. Ukoll talli fl-istess zmien, data u cirkostanzi kellhom fil-pussess taghhom medicina ristretta u psikotropika meta ma kinux awtorizzati kif imiss bi ksur tar-regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40(A) u 120(A) u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat;

U lil **OMISSIS** wahdu talli nhar it-3 ta' Awwissu 2008 u sena qabel gewwa l-fond numru 65, Triq Ghajn Mhelhel, Zebbug, u f'positjiet ohra gewwa dawn il-gzejjer;

d. ikkaccja jew ipprova jikkaccja, jiehu jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir-regolamenti, jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il-kundizzjonijiet ta' kull licenzja li tinghata tahtha u dan bi ksur tal-Artikolu 4(1)(a) tal-Avviz Legali 79 tal-2006;

e. Zamm li xi ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur, li l-kacca jew it-tehid tieghu taht dawn ir-regolamenti meta dan l-ghasfur ma kienx gie ddikjarat u registrat mal-awtorita' kompetenti sabiex izomm dak l-ghasfur u dan bi ksur tal-artikolu 4(1)(e) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kid emendat bl-Avviz Legali 280 tal-2007;

f. Ittrasferixxa jew b'xi mod iehor iddispona minn xi ghasfur imsemmi fis-subregolament 4(1)(e) minghajr ma ghamel talba lid-Direttur u dan bi ksur tal-artikolu 4(2) tal-Avviz Legali 39 tal-2007;

g. Ikkaccja jew ipprova jikkaccja lil xi ghasfur minbarra dawk imsemmija fl-Iskeda II tal-Avviz Legali 79 ta' l-2006, u dan bi ksur tal-artikolu 5(1) ta' l-Avviz Legali 79 tal-2006;

h. Waqt l-istagun miftuh ghall-kacca ta' l-ghasafar mhux minn fuq il-bahar, ikkaccja jew ipprova jikkaccja xi ghasfur mhux inkluz fi Skeda II tal-Avviz Legali 79 tal-2006 u dan bi ksur tal-Artikolu 18(2)(b) tal-Avviz Legali 79 tal-2006;

i. Ikkonfoffa jew ittanta jew ghen, hajjar, ta parir jew flus lil haddiehor sabiex immonta jew ibbalzma lil xi ghasfur li mhux inkluzi fl-iskeda III tal-Avviz Legali 79 tal-2006 u dan bi ksur tal-Artikolu 21(2) tal-Aviz Legali 79 tal-2006;

j. Kellu fil-pussess tieghu xi ghasfur jew ghasafar ibbalzmati li l-ispeci taghhom mhux inkluza fl-Iskeda III tal-Avviz Legali 79 tal-2006 u li ma kinux gew registrati mas-Sezzjoni fiz-zmien stipulat fis-subregolament (6) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 u dan bi ksur tal-artikolu 21(5) tal-Avviz Legali 79 tal-2006.

k. Ukoll talli kellu fil-pussess tieghu u garr arma tan-nar minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, bi ksur tal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 480, tal-Ligijiet ta' Malta;

l. U fl-ahhar nett talli kellu fil-pussess tieghu u garr munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija bi ksur tal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

m. Assocjaw ruhhom flimkien u/jew ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer sabiex ibieghu jew jittraffikaw medicina f'dawn il-Gzejjer, kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ippromovaw jew ikkostitwew, organizzaw, jew iffinanzjaw l-assocjazzjoni u dan bi ksur tal-artikoli 120(1)(f), 120(1A) u 120(1B) tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali *ai termini* tas-subartikolu (2C) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat li matul is-seduta tallum 6 ta' Lulju 2017, l-imputati ammettew l- imputazzjonijiet miġjuba kontrihom.

Wara li spjegat bl-aktar mod solenni l-konsegwenzi kollha li jitnisslu minn dikjarazzjoni ta' ammissjoni ta' ħtija, u ċioe li din il-Qorti kienet tista' ssib lill-imputati ħatja u li tinfliġġi fuqhom ukoll il-piena ta' priġunerija skont il-Liġi, il-Qorti tathom żmien biżżejjed sabiex jekk iridu jirtiraw l-ammissjoni taghhom.

Wara li reġgħet staqsiet lill-imputati x'għandhom xi jgħidu dwar l- imputazzjonijiet miġjuba kontra taghhom, l-imputati reġghu tennew li huma ħatja skont kif kienu tennew ftit qabel u l-Qorti ħadet nota bil-miktub ta' din id- deċiżjoni tal-imputati fl-atti tal-kawża. Għalhekk din id-darba l-Qorti kienet qegħda tqis l-ammissjoni taghhom bħala definittiva u finali.

In vista tal-ammissjoni imtennija tal-imputati għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra taghhom kif speċifikat aktar 'il fuq, hija ma għandhiex alternattiva għajr li ssib lil imputati ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra taghhom.

Il-Qorti semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena li għandha tiġi inflitta fejn qablu li l-imputati ghandhom impjieg u jinsabu stabbli jghixu mal-familja u huma hielsa minn kull vizzju u li s-sentenza tal-Qorti filwaqt li tkun dak li tirrifletti l-ligi toqrob aktar lejn il-minimu possibbli anke minhabba t-trapass taz-zmien li ghadda meta l-kaz sehh disa' snin ilu.

Il-Qorti hadet inkonsiderazzjoni li t-tieni u tlielet imputazzjoni nghataw bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni.

Hadet inkonsiderazzjoni wkoll li OMISSIS kien minorenni meta sehh il-kaz u l-imputazzjonijiet marbutin mal-kacca li huma alternattivi ghal xulxin sehhew qabel l-emendi li bihom kienu awmentati l-pieni ghal akkuzi bhal dawn.

**Dewmien ta' procedura**

Il-Qorti tinnota li dan il-kaz  imur lura ghall-bidu ta' Awwissu 2008, disa' snin ilu.

F'dan ix-xenarju ta' dewmien bla bzonn, din il-Qorti ttenni dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza "Il-**Pulizija vs. Anthony Azzopardi**" [4.2.2010] u cioe' li:-

> *"dan id-dilungar zejjed biex jigu decizi kawzi fil-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali, wara li l-Avukat Generali jkun baghat l-artikoli, qed johloq znaturazzjoni tal-processi kriminali li min-natura taghhom ghandhom jigu decizi kemm jista' jkun malajr kemm fl-interess tal-persuna akkuzata u kif ukoll fl-interess tas-socjeta' li f'isimha tkun qed issir il-prosekuzzjoni. Huma l-gudikanti li jirregolaw it- tempo li bih titmexxa – jew ma titmexxiex - kawza. Din is-sitwazzjoni, li ma tikkoncernax biss din il-kawza, mhix accettabbli u hemm bzonn li tigi korretta b'mizuri legizlattivi li jassikuraw li dawn il-kawzi jigu decizi fi zmien ragjonevoli izda li jkun mandatorju u stabbilit bil-ligi."*

Dwar dan esprimiet ruhha l-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Samuel Onyeabor vs. Avukat Generali** deciza nhar it-Tnejn 14 ta' Dicembru 2015:

*Fil-fatt eżami tal-proċess ta' kumpilazzjoni juri illi d-dewmien kien mhux minħabba l-komplessità tal-każ jew minħabba l-volum ta' xhieda, iżda minħabba l-mod kif il-proċess tmexxa, li juri illi n-nuqqas aktar milli f'parti jew f'oħra qiegħed fis-sistema nnifsu, li ma jħallix li proċess jibda u jintemm iżda jitkarkar: il-ġbir tax-xiehda jsir bin-nifs, seduti jinħlew billi jinstema' biss xhud wieħed għal ftit minuti, seduti oħra jkollhom jitħassru għax lill-Qorti stess jew lill-Prosekuzzjoni jidħlilhom xogħol ieħor aktar urġenti u jitħassru wkoll seduti għal raġunijiet varji. Naturalment, aktar ma l-proċess jieħu fit-tul, aktar tqum il-possibilità li jinqalgħu ostakoli, li jkomplu jwasslu għal aktar dewmien.*

*[…]*

*Ma nistgħux ma ngħidux ukoll, iżda, illi hemm nuqqasijiet ukoll min-naħa tal-operaturi tas-sistema, għax hija l- inerzja li twassal biex l-affarijiet inkomplu nagħmluhom b'dan il- mod "għax dejjem hekk sar", u għalhekk, għalkemm nafu li jsiru ħażin, inkomplu nagħmluhom hekk.*[1]

[1] Rikors numru 18/2014 TM, Imhallef Giannino Caruana Demajo (Agent President), Imhallfin Noel Cuschieri u Joseph Zammit McKeon.

**KUNSIDERAZZJONIJIET DWAR L-AKKUZI**

**<u>Pussess aggravat</u>**

Dwar l-elementi tal-pussess ghall-fini tal-ligi dwar id-droga, fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-**Pulizija vs John Borg** fit-23 ta' Gunju 1997, intqal hekk:

*"Dwar x'jammonta ghal pussess ghall-finijiet tal-ligi in dizamina, din il-Qorti diga` kellha l-opportunita` li telabora dwaru fis-sentenza taghha tal-21 ta' Ottubru, 1996, fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan**. F'dik is-sentenza din il-Qorti osservat li l-presenza ta' oggett f'post (dar, karozza, kamra, ecc.) li fuqu persuna ghandha xi forma ta' kontroll tista', taht certi cirkustanzi, tammonta ghal pussess ta' dak l-oggett; u jekk dak l-oggett jirrisulta bhala fatt li hu droga li taqa' taht il-Kap. 101, allura l-ligi tippresumi, salv prova kuntrarja imqar fuq bazi ta' probabilita`, li l-pussessur kien jaf li dak l-oggett kienet droga (ara wkoll **P. v. Charles Clifton**, App. Krim., 5 ta' Lulju, 1982)."*

In oltre fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Maizuki Hachemi Beya bint Abdellatif** tas-16 ta' Frar, 1998 inghad hekk:

*"Il-ligi taghna, kemm ghal dak li jirrigwarda l-pussess kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-importazzjoni ta' droga, ma tuzax il-kelma xjentement", fi kliem iehor il-ligi titkellem dwar min "ikollu fil-pussess tieghu" (artikolu 8(a)(c), Kap 101) "ikun fil-pussess" (regola 8, A.L. 292/1939), "jimporta"*

*(artikolu 15A (1), Kap 101) u mhux dwar min "xjentement ikollu fil-pussess tieghu", "xjentement ikun fil-pussess" jew "xjentement jimporta". Ghalkemm il-legislatur f'dawn id-disposizzjonijiet ma juzax il-kelma "xjentement", hu evidenti li hawn si tratta ta' reati doluzi u mhux semplicement ta' reati kolpuzi. Il-legislatur ma riedx jikkolpixxi lil min, per ezempju, ad insaputa tieghu jitqieghdlu xi droga fil-bagalja tieghu u dan jibqa' diehel biha f'Malta. Mill-banda l-ohra, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 26(1) tal-Kap. 101, persuna li tkun fil-pussess ta' droga jew li tkun dahhlet droga f'Malta hi presunta li kienet fil-pussess jew dahhlitha xjentement, jigifieri li kienet taf bl-ezistenza ta' dak l-oggett, li dak l-oggett hu droga, u ghalhekk li kienet taf li kienet fil-pussess jew li kienet qed iddahhal id-droga, salv prova (imqar fuq bazi ta' probabbilita`) kuntrarja, u salv il-limitazzjoni ghal tali prova skond l-artikolu 26(2) ta' l-imsemmi artikolu 26 (ara, f'dan is-sens, is- segwenti sentenzi:* ***P vs Charles Clifton****, 5/7/82,* ***P vs Martin Xuereb****, 20/9/96,* ***P vs Seiffedine Mohamed Marshan****, 21/10/96, u* ***P vs John Borg****, 23/6/97, kollha appelli kriminali)."*

Dwar ir-reat tal-pussess bl-aggravanti, intqal hekk fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Marius Magri**:

*"Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spjaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-*

*droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed."*

**Traffikar**

Il-Qorti tirreferi wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta' Awwissu 1998, fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Marvin Cachia**, fejn l-istess Qorti rriteniet hekk dwar traffikar:-

*"Il-Qorti tosserva qabel xejn li meta wiehed ikollu d-droga (f'dan il-kaz raza tal-cannabis) u jew jaqsamha ma' haddiehor (anke jekk mhux ghall-flus jew xi korrispettiv iehor) jew jippermetti lil haddiehor li juza minnha, ikun hemm traffikar skond il-ligi. Anke jekk wiehed ihalli d-droga f'post accessibbli ghal terzi u fejn jaf li x'aktarx ser tittiehed minn haddiehor, u din effettivament hekk tittiehed, ikun hemm traffikar".*

Il-Qorti m'ghandha xejn izjed x'izzid ma' dan kollu. Ghar-rigward tal-pussess bl-aggravanti, imbaghad, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Jason Mallia**, moghtija fit-2 ta' Settembru 1999 (Appell Nru. 130/1999), fejn inghad hekk fir-rigward tar-reat in kwistjoni:

*"Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-*

*animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni mhix mehtiega ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati". Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma 'uzu' il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioe` li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmaha."*

**Hard and fast rule**

Din il-Qorti taqbel ma' dak dikjarat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Brian Caruana**:

*"kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule"x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun*

*perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli".*

**KUNSIDERAZZJONIJIET KONTRA L-ABBUZ MID-DROGA**

Invista tad-diskussjoni li ghaddejja dwar kif ghandhom ikunu trattati dawk li jabbuzaw mid-droga l-Qorti thoss li ghandha taghmel dawn ir-rimarki u zzid ma' dak li diga' ddikjarat fis-sentenza taghha Il-**Pulizija vs Dorothy Refalo** deciza minn din il-Qorti fl-14 ta' Gunju 2017.

Il-Qorti ghandu jkollha parametri ta' prigunerija li ghandha tinghata persuna fejn jidhol traffikar aggravat izda l-minimu m'ghandux ikun tassattiv kif inhu bhalissa, ghaliex il-Qorti li tkun ghexet il-process ghandha tithalla fil-liberta' li taghti direzzjoni permezz tad-decizjoni taghha. Il-piena ta' sitt xhur prigunerija tassattiva ghal traffikar tohloq certu ingustizzji flok gustizzja. Fit-trattazzjoni ta' kazi ta' traffikar, għandu jiġi kkunsidrat jekk persuna tkunx qed tittraffika biex tagħmel il-flus, jew biex tmantni l-*addiction* tagħha. Jekk kienx hemm progress tul iz-zmien inkluz wettqitx programm jew le. Hemm bzonn li jkun hemm emendi fil-ligi biex ma tibqax li gudikant ikun irid jibghat bilfors persuna minimu ta' sitt xhur. Ta' riabilitazzjoni jew le.

Kazi ta' droga għandhom jiġu trattati b'urġenza, biex jiġu evitati sitwazzjonijiet li persuna li tkun riabilitat ruħha u qed tgħix ħajja stabbli jkollha tiffaccja kawza ta' ħafna snin qabel bil-prospett li teħel sentenza ta' ħabs kif se jigri f'dan il-kaz.

Wasal iz-zmien li persuni li jridu jservu piena ghandhom jkun hemm post bhal *half way house* forma ta' *community centre* li la hu habs u lanqas id-dar, tkun alternattiva ghall-prigunerija ghal dawk li jkollhom jiskuntaw piena minhabba traffikar biex imantnu l-vizzju.

Hemm bzonn li l-*addict* nohorguh 'il barra mit-triq ghaliex il-maggoranza tal-kazijiet li qeghdin jaslu quddiem il-Qorti dwar serq hafna drabi jkun marbut mal-abbuz tad-droga. Ghandu jitwaqqaf *day centre* fejn min ikun *addict* wara li jiehu l-mistura flok joqghod jigri barra jisraq xi stereo minn xi karrozza, jisraq xi anzjana jew jaghmel affarijiet li ma jghinuhx jirbah il-vizzju, joqghod hemm matul il-gurnata fejn ikollhom fejn jiehdu kafe, ikla shuna, *internet point*, billiard, librerija u anke post fejn jiehdu pariri minghand tobba, psikologi, persuni mis-*social services*, Jobsplus etc. Sighat f'dan ic-centru ghandu jkun obbligatorju u persuna tista' tintbaghat hemm bhala piena alternattiva ghall-multi u penali.

**KUNSIDERAZZJONIJIET DWAR PIENA**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

*Il-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta'. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta' dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[2]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

[2] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' tittratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fis-sentenza moghtija fil-kawza Il-**Pulizija vs Maurice Agius**[3] dik il-Qorti qalet hekk:

*Huwa car...., li l-ewwel haga li qorti trid tiddeciedi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe' biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk*

[3] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.

*ikun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-perjodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

Il-Qorti thoss li f'dan il-kaz barra dak li tipprovdi l-ligi fejn tidhol piena, hemm bzonn ta' gustizzja ta' rikonciljazzjoni.

Dwar dan tkellem tant tajjeb Papa Frangisku meta kien qieghed jindirizza lill-partecipanti tal-**Konvenju Nazzjonali tal-Kappillani tal-Habsijiet Taljani** nhar l-Erbgha 23 ta' Ottubru 2013:

"*Dan l-aħħar tkellimtu dwar ġustizzja ta' rikonċiljazzjoni, imma anki dwar ġustizzja ta' tama, ta' bibien miftuħa, ta' orizzonti. Din mhix utopija, nistgħu naslu għaliha. Mhix faċli, għax id-dgħufijiet tagħna qegħdin kullimkien, it-tentazzjonijiet qegħdin kullimkien, imma dejjem għandna nippruvaw.*"

Din il-Qorti tipprova li meta taghmel Gustizzja kif hu mistenni minnha, ma tikkawzax aktar gerhiet, kif stqarr l-Isqof ta' Ghawdex Mario Grech fil-25 ta' Novembru 2015:

*Għalkemm il-ġustizzja hija kejl meħtieġ għas-soċjetà, l-esperjenza tixhdilna li bil-ġustizzja biss ma rnexxilniex inġibu l-ordni u l-paċi. Għalkemm għandna l-qrati bħala strutturi li jiggarantixxu l-ġustizzja, mhux biss ħafna feriti jibqgħu ma jagħlqux, imma xi drabi l-istess strutturi jikkawżaw ġerħat oħra.*

Il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li stqarret il-President tar-Repubblika Marie-Louise Coleiro Preca fil-11 ta' Lulju 2014 waqt il-gradwazzjoni tal-Caritas:

*"Aħna soċjetà li rridu nirriflettu tassew il-valur tal-imħabba u m'għandniex nitilfu lanqas persuna waħda minn fostna, għad-dulur li ġġib il-ħajja fid-droga".*

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputati, il-Qorti ma tistax hlief issibhom hatja tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra taghhom.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi inflitta fil-konfront tal-imputati, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: l-ammissjoni fl-ewwel cans kellhom jaghmlu dan wara li l-Avukat Generali ddecieda li jibaghat l-atti biex il-kaz ikun deciz minn din il-Qorti u l-fedina penali netta taghhom.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi, fuq ammissjoni, il-Qorti wara li rat l-Artikoli indikati fl-akkuza, qed issib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u qed tikkundannaha lil Josef Cefai ghal disa' xhur prigunerija u multa ta' elf u hames mitt ewro (€1500) u lil OMISSIS ghal sitt xhur prigunerija u multa komplessiva ta' elf ewro (€1000).

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita u mmarkata bhala Dok. "D" u Dok. "E" taħt il-ħarsien tar-Registratur.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputati sabiex sa zmien sitt (6) xhur millum ihallsu bejntiethom is-somma ta' mija tmienja u erbghin euro u sbatax-il centezmu (€148.17) liema somma tirrapprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**